

Domanda preliminari

Ir-rifjut li jiġi pprovdut router sikur għal aċċess għan-Netwerk Privat Virtwali tal-Avukati (RPVA) lil avukat debitament iskritt mal-Kamra tal-Avukati ta' Stat Membru li fih huwa jixtieq jeżerċità l-professjoni ta' avukat bħala fornitur liberu ta' servizz huwa kuntrarju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/249/KEE ⁽¹⁾ minħabba li jikkostitwixxi miżura diskriminatorja li tista' tostakola l-eżerċizzju tal-professjoni bħala fornitur liberu ta' servizzi?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill, tat-22 ta' Marzu 1977, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 52).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Belġju) fid-19 ta' Frar 2016 –
Vaditrans BVBA vs Belgische Staat****(Kawża C-102/16)**

(2016/C 165/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Qorti tar-rinviju**

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vaditrans BVBA

Konvenut: Belgische Staat

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 8(6) u (8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa msemmija fl-Artikolu 8(6) tal-istess regolament ma jistgħux jittieħdu fil-vettura?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 8(6) u (8) tar-Regolament Nru 561/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 19 tal-istess regolament, jikser il-prinċipju ta' legalità f'materji kriminali kif stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ sa fejn id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 561/2006 ma jipprevedux espliċitament il-projbizzjoni li l-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa msemmija fl-Artikolu 8(6) ta' dan l-istess regolament jittieħdu fil-vettura?
- 3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, ir-Regolament Nru 561/2006 jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu, fid-dritt nazzjonali tagħhom, il-projbizzjoni li l-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa msemmija fl-Artikolu 8(6) ta' dan l-istess regolament jittieħdu fil-vettura?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 102, p. 1

⁽²⁾ ĠU 2000, C 364, p. 1.